Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

Data tal-laqgħa: 22 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.15pm.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 5 u ta' Laqgħa tal-Lokalita' Numru 1. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

6.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 6.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

6.3.1 <u>Para 5.3.3</u>
Il-Viċi Sindku reġa'staqsa kif bqajna fuq it-tabelli *Respect the residents, please drive carefully* u *Keep the village clean,* li kellhom jitwaħħlu mal-'Merħba' *signs.* Is-SE infurmat li għadha ma ħaditx risposta.

6.3.2 <u>Para 5.3.4</u>
Il-Viċi Sindku reġa'staqsa kif bqajna fuq il-*folding door* għas-sala li ssir il-laqgħa tal-Kunsill fiha. Is-SE infurmat li qed tistenna t-tielet kwotazzjoni.

6.3.3 <u>Para 5.4.1.1 - Tħawwil ta' siġar fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (bejn Vjal De Paule u Vjal Sir Michaelangelo Refalo)</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill għad irid jidentifika post alternattiv għas-siġar li ser jiġu pprovduti minn Ambjent Malta. Il-Kunsill qabel li dawn is-siġar jistgħu jitħawwlu fi Triq l-Imdina.

6.3.4 <u>Para 5.4.6 - Xkaffar għall-uffiċċju</u>
Il-Viċi Sindku staqsa kif bqajna fuq l-ixkaffar. Is-SE infurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill ġabu l-ixkaffar fl-i*store* u ser ikunu qed jixkatlawhom u jiżbugħhom fil-ġranat li ġejjin. Il-Viċi Sindku ppropona li ngħatu ktieb li ppubblika r-Reġjun lill-Qronfla, bħala ringrazzjament talli tagħna l-ixkaffar. Il-Kunsill qabel.

6.3.5 <u>Para 5.9.4 – Jum Ħal Balzan 2019</u>
Is-SE infurmat li l-inizjattiva Għotja ta' Demm kellha tiġi mħassra minħabba nuqqas ta' konkorrenza (kien hemm applikant wieħed biss).

6.3.6 <u>Para 5.10.4 – Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi LESA</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni ġiet sottomessa.

6.3.7 <u>Para 5.14 - Ġemellaġġi</u>
Is-SE infurmat li l-Assoċjazzjoni għaddew it-talba tal-Kunsill lill-MEASUC, fejn qed niġu nfurmati li l-ewwel il-Kunsill irid sib *partner* u l-MEUSAC ikunu jistgħu jgħinuna nissottomettu l-applikazzjoni.

6.3.8 <u>Para 5.3 – 5.5 (Laqgħa tal-Lokalita') – Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>
Peress li xi residenti qed jistaqsu dwar jekk hux qed jiġu mħarrka min qed iħammeġ fejn il-*Bring-in-Site*, il-Viċi Sindku ssuġerrixxa li fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill, intellgħu ritratti (bil-wiċċ u n-*number plate* imċajpar minħadda *Data Protection*) ta' min qed jiġi mħarrek. Il-Kunsill qabel. Is-SE qalet li l-GreenPak infurmawna li issa s-sistema qiegħda mqabbda direttament mal-LESA. Jekk ikollha xi dettalji ta' min ġie mħarrek, jkunu jistgħu jiġu ppubblikati r-ritratti.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.4.1.1 <u>Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill, li tkellem mal-Perit inkarigat mix-xogħlijiet dwar it-tarmak it-triq. Is-Sindku huwa nfurmat li l-aħħar saff ta' tarmak se jsir f'darba. Il-Perit talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex inġibu avviż

fuq il-Gazzetta tal-Gvern biex ma jsirx *parking* dakinhar li jkun ser jingħata t-tarmak. Is-SE infurmat li l-avviż ikun jista' isir, IM iridu jinfurmawna bil-ġurnata minn qabel. Is-Sindku qal li, infurma lill-Perit li huwa essenzjali li dan ix-xogħol isir nhar ta' Sibt, minħabba t-traffiku.

6.4.1.2 Dwar is-siġar u pjanti, is-Sindku qal li ser nippruvaw inħawwluhom is-Sibt ta' qabel ma' t-triq tingħata t-tarmak.

6.4.2.1 <u>Laqgħa mad-Diretturi tal-HSBC</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' xi Diretturi tal-HSBC dwar l-għeluq tal-fergħa ta' Ħal Balzan. Is-Sindku qal li l-għan tagħhom huwa li jmorru *fully automated.* Ikkonfermawlu li l-ATM ser tibqa'. Infurmawh li ser jkun hemm fergħa Birkirkara (li ser tibqa' sservi l-istess funzjonijiet) u ser jinfetaħ *Fully Automated Business Centre* f'Ħal Qormi. Il-fergħa ta' Ħal Balzan mhux ser tagħlaq qabel ma tinfetaħ dik ta' Ħal Qormi, għal ħabta ta' Jannar/Frar 2020.

6.4.2.2 Is-Sindku staqsihom dwar kif ser jedukaw lin-nies biex jibdew jużaw l-ATM minflok imorru l-bank. Is-Sindku ssuġġerielhom li ssir laqgħa mar-residenti (speċjalment l-anzjani), biex rappreżentanti mill-HSBC jispjegawlhom il-proċess u kif iħaddmu l-ATM. HSBC qablu ma' dan, u għalhekk il-Kunsill ser jorganizza biex din il-laqgħa ssir possibilment f'Diċembru (filgħodu).

6.4.2.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li apparti minn hekk, issuġġerielhom biex sakemm tindara s-sistema, tal-inqas darba fil-ġimgħa, HSBC joffru *shuttle service* minn Ħal Balzan għall-fergħa ta' Birkirkara għar-residenti. Is-SE se ġġib kwotazzjoni għal *shuttle service* kull nofs siegħa bejn it-8.30am u s-1.30pm nhar ta' Ġimgħa. Il-kwotazzjoni ngħadduha lill-HSBC sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu dan is-suġġeriment.

6.4.2.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li HSBC talbuh jidentifika post alternattiv fejn jistgħu ipoġġu l-ATM, għax x'aktarx il-binja tal-bank ser tkun għall-bejgħ. Is-Sindku ser ikun qed jissuġġerixxi post meta nitkellmu fuq il-proġett tal-*playing field.*

## 6.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

6.6.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2019</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

6.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 6.7 Tisbiħ tal-*Playing field*

6.7.1 Kif issemma ftit tal-ħin ilu, fuq post alternattiv għall-ATM is-Sindku qed jissuġġerixxi li niċċekkjaw mal-Perit jekk nistgħux ninkorporawhom fil-proġett tal-*playing field.* U jekk dan possibbli, jiġi nnegozjat ftehim mal-HSBC biex tal-inqas il-Kunsill ikollu introjtu talli jkun qed jintuża parti mill-ispazju għall-ATM. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan is-suġġeriment.

6.7.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li wara li fil-laqgħa li għaddiet ġie diskuss dan il-proġett, xi residenti lmentaw dwar il-fatt li l-Kunsill elimina l-*underground parking* mill-proġett propost. Xi nies infurmawh li taħt iż-żona tal-bandli, irdiem biss hemm u għalhekk m'hemmx problemi minħabba skavar.

**F'dan il-ħin (5.00pm) daħlet il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa. Skużat ruħha li waslet tard peress kienet qiegħda kors tal-*Mental First Aid*.**

6.7.3 Is-Sindku qal li tkellem mal-Perit dwar dan u qallu li jista' jsir studju biex ikun jista' jiġi identifikat x'hemm taħt iż-żona tal-bandli u x'fond hemm. Is-Sindku staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux jesplora l-possibilta' li jsir *underground parking,* bil-*playing field* fuqu. Bil-*playing field* ikollha kunċett ta' ġnien b'diversi *equipment* li jinkludi wkoll *outdoor gym*, *irrigation system*, il-*public convenience* jittellgħu fl-istess livell tal-

ġnien, ATM u parti fejn jistgħu jilgħabu fil-ballun/rota.

6.7.4 Ġie rrimarkat lin-nies ser jikkritikaw, kemm jekk isir u kemm jekk ma jsirx l-*underground parking.* Is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' parkeġġ diġa' hi ħażina, u biż-żmien aktar tiggrava, aktar u aktar bl-iżviluppi ta' bini u stabbilimenti kummerċjali li qed jiftħu. Saret diskussjoni u unanimament kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jesplora l-possibilta' u jekk huwa teknikament possibbli mingħajr ma ssir l-ebda ħsara lill-Knisja, jsir l-*underground parking.*

6.7.5 Qabel mal-Perit jibda jaħdem fuq is-*survey* u l-pjanti, ser jiġi ċċekjat jekk l-art hix devoluta lill-Kunsill.

## 6.8 Monument artistiku fil-lokalita'

6.8.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li resident minn Triq il-Qarċilla qed jissuġġerixxi li l-monument li qed jiġi ppjanat li jsir fil-proġett tat-*traffic island* fi Triq il-Qarċilla, isir ad unur tal-Perit Joseph M. Spiteri li kien residenti fi Triq San Franġisk. Il-Perit Spiteri iddisinja bosta proġetti kbar fosthom il-Knisja tal-Balluta. Ir-resident ħalla *portfolio* bl-istorja kollha tal-Perit għall-attenzjoni tal-Kunsill.

6.8.2 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-isem ta' Triq il-Qarċilla jinbidel u tiġi isem il-Perit. Is-Sindku infurma li dan mhux permess għax skont il-linji gwida għat-tismija ta' triq, ġnien, misrah, eċċ, f'każi eċċezzjonali biss għandu jkun hemm bdil fl-isem ta' triq u ma jiġix aċċettat bdil fl-isem mingħajr raġuni valida. Dan peress li joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti tat-triq minħabba l-bidla fl-indirizz.

6.8.3 Il-Kunsill unanimament approva li ssir plakka ad unur il-Perit Spiteri mal-monument artistiku.

6.8.4 Kif ikun hemm il-pjanti tal-proġett tat-*traffic island,* ikun jista' jiġi identifikat il-qis tal-monument u nkunu nistgħu inġibu l-kwotazzjonijiet.

## 6.9 Proġett ta' tisbiħ ta' toroq fil-qalba tar-raħal

6.9.1 Is-SE infurmat lis-*survey* biex il-pavimentar fi Triq it-Tliet Knejjes jiġi estiż sa fejn il-mużew tas-subien u jinkludi l-isqaqin tal-istess triq, ġie ordnat.

6.9.2 Dwar l-*email* li rċivejna minn resident li joqgħod fi Triq it-Tliet Knejjes dwar il-bankina ta' quddiem il-proprjeta' tiegħu u tal-ġar tiegħu u dwar il-materjal li ser jiġi użat fil-proġett ta' tisbiħ, is-SE infurmat li l-Perit tal-Kunsill għaddilna l-informazzjoni.

6.9.3 Il-Perit qalilna li jekk ir-resident jagħmel *hard stone paving,* dan mhux ser jaqbel għax il-pavimentar meta jsir il-proġett ta' tisbiħ ta' toroq fil-qalba tar-raħal ser ikun *cobble stone*.

6.9.4 Is-SE infurmat lill-Kunsill li daħlu ilmenti li l-bankina kienet qed issir bil-*hard stone paving.* Is-SE infurmat ukoll li meta dan ir-resident kien talab il-permess tal-Kunsill biex flimkien mal-ġar tiegħu jirranġaw il-bankina (f'Ġunju 2018), il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jintuża l-istess disinn u l-istess tip ta' *paving blocks* li ntużaw fil-proġett tal-pjazza. Huwa fatt li dan mar kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill u jekk jiġi permess li jsir dan, kulħadd ser jibda jagħmel li jrid.

6.9.5 Din il-kwistjoni ġiet diskussa u unanimament kien hemm qbil li għandna ninfurmaw lir-resident biex fiż-żmien ġimgħatejn għandu jibda x-xogħlijiet biex il-bankina jagħmilha bil-materjal li kien approva l-Kunsill (*cobble stone*).

## 6.10 Wied Ħal Balzan

6.10.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li kellmet lill-Perit tal-kuntrattur inkarigat mix-xogħlijiet dwar l-ispralli tal-ilma li ġew mirduma fl-akwati taċ-ċimiterju. Il-Perit infurmat li l-ispralli se jsiru meta aktar il' quddiem għax dik il-parti tat-triq se terġa' tinqala' peress li daħal id-drenaġġ taħt it-*tarmac.* Il-Perit għandha tinfurmana meta se jsiru, biex niltaqgħu fuq il-post u nuruhom fejn kienu.

6.10.2 Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-*blogger* ta' *DriveInsane*, fejn qed jistaqsi xi mistoqsijiet lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fil-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Ferrovija l-Qadima.

6.10.3 Kif kulħadd jaf, dawn ix-xogħlijiet qed isiru minn IM. Il-Kunsill qal li l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet għadha l-istess u għalhekk għandna nirreferuh għall-*Press Release* li l-Kunsill ħareġ f'Awwissu 2019.

## 6.11 Tħawwil ta' siġar f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

6.11.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li biex l-Awtorita' tal-Artijiet ikunu jistgħu jagħtuna l-informazzjoni dwar jekk it-triq hiex privata jew pubblika, trid tiġi sottomessa applikazzjoni GOV 1. Mal-applikazzjoni rridu ninkludu *Land Registry Plan* iffirmata mill-Perit. Il-Perit tal-parir illi mal-applikazzjoni ninkludu wkoll *survey* tat-triq, li jinkludi wkoll il-bankini u l-ħxuna tal-*boundary wall*s għax jekk huwa veru illi s-sorijiet għadhom ma tħallsux u jista' jagħti l-każ illi jkun hemm xi każ fil-qorti, importanti ħafna illi l-qisien ikunu preċiżi.

6.11.2 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni mibgħuta mill-Perit biex ikun jista' jsir is-*survey*. Il-Kunsill m'approvax li jsir is-*survey* għax għalissa l-Kunsill kull ma' jrid, li jkun jaf jekk it-triq hix privata jew pubblika. Għalhekk, għandu jsir il-*Land Registry Plan* biss.

**F'dan il-ħin (5.30pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.40pm.**

## 6.12 Servizz ta' trasport għall-anzjani

6.12.1 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano tkellem mal-Ministru Dr Ian Borg, fejn infurmah li TM ma joffrix dan it-tip ta' servizz (*shuttle service).* Il-Ministru ssuġġerielu li ssir laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa, Chris Fearne biex il-Kunsill jispjegalu eżatt x'tip ta' servizz qed jiġu ssuġġerit, bil-possibilta' li jsir proġett pilota fil-lokalita' ta' Ħal Balzan.

6.12.2 Il-Kunsill qabel li jsir appuntament mal-Ministru tas-Saħħa.

6.12.3.1 Ġie nnutat li hemm numru ta' korsijiet (bħal aerobics, crafts, etc) li qed jiġu offruti għall-anzjani mill-*Active Ageing and Communtity Care.* Il-Kunsill ikun irid jipprovdi l-post fejn ser isiru. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mary Louise Briffa kellhom laqgħa mal-*Active Ageing and Communtity Care* dwar dan.

6.12.3.2 Is-SE ser tibgħatilhom għal aktar dettalji u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

6.12.4.1 Fuq nota differenti, il-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani, Żgħażagħ u Tfal, Mary Louise Briffa, infurmat lill-Kunsill li qed tirċievi diversi lmenti liż-Żgħażagħ u t-Tfal mhux qed jiġu nvoluti, u xi residenti qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistax jagħmel Kunsill tat-Tfal bħal ma qed isir f'diversi rħula oħra.

6.12.4.2 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa ser tiċċekkja ma' Kunsill oħra x'tinvolvi.

## 6.13 Attivitajiet għal żmien il-Milied

6.13.1.1 <u>Tiżjin ta' toroq bid-dwal tal-Milied</u>
Dwar l-armar ta' toroq bid-dwal tal-Milied, ġew ikkonfermati t-toroq li potenzjalment ser ikunu armati din is-sena (Triq il-Kbira (bejn Costa Coffee u l-Pjazza), il-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Ferrovija l-Qadima.

6.13.1.2 Ġie nnutat li Triq il-Ferrovija l-Qadima x'aktarx iridu jsiru l-ventijiet u jekk ma tkunx tista' tiġi armata, jintramaw 2 *side streets* fl-akwati (possibilment Triq il-Kannizzata u Vjal Sir M A Refalo) minflok. Se nġiebu xi kwotazzjonijiet.

6.13.1.3 Ġiet innutata talba mingħand il-voluntiera ta' Triq l-Għerusija biex bħal kull sena, il-Kunsill iħallas il-konsum tad-dawl tat-tiżjin tal-Milied ta' Triq l-Għerusija. Is-SE infurmat lill-Kunsill li skont Ċirkulari 38/2016, l-attivita' għandha tiġi organizzata mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-voluntiera. Jekk il-voluntiera jaċċettaw, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jiffinanzja l-konsum, biex din l-inizzjattiva li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar snin, ma tispiċċax, bil-kundizzjoni li din l-attivita' tkun reklamata li qed issir mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-voluntiera.

6.13.2.1 <u>*Christmas Village*</u>
Ġie ssuġġerit li għal din is-sena jiġi organizzat *Christmas Village,* b'diversi *stands* armati, fejn ikun qed jinbiegħu affarijiet (ikel / xorb / *decorations*) relatati mal-Milied. Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata din l-attivita'. Ġiet magħżula l-ġurnata tal-Ħadd, 22 ta' Diċembru 2019 u jekk it-temp jippermetti ssir fil-*playing*

*field.* Jekk ikun maltemp, l-attivita' ssir taħt tinda. Waqt l-attivita' jiġu mqassma l-poinsettias li ser jinxtraw mill-MCCF.

6.13.2.2 Ser jintbagħat avviż lill-Għaqdiet u jsir reklam fuq il-gazzetti biex min hu interessat jarma *stall* jirreġistra sat-18/11/2019. Din l-attivita' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 6.14 *E-Newsletter*

6.14.1 Peress li l-Kunsill ma baqax jippubblika l-*magazine* għal raġunijiet diversi, il-Viċi Sindku issuġġerixxa li terġa' tibda tiġi ppubblikata u tintbagħat elettronikament permezz ta' *email* minflok titqassam fid-djar. Dan isir billi min ikun interessat li jibda jirċivieha jkun jista' jagħmel *subscribe,* u *unsubscribe* meta jrid li ma jibqax jirċivieha.

6.14.2 Il-Kunsill unanimament approva li tibda ssir l-*E-Newsletter*, possibilment kull kwart tas-sena, bl-avviżi fiha jkun kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u l-messaġġi tas-Sindku u l-Kunsilliera jsiru skont il-preferenza ta' min qed jiktibhom.

6.14.3 Il-Viċi Sindku se jiċċekkja x'se tkun tinvolvi loġistikament. Meta din tkun se ssir, l-ewwel darba, jintbagħat avviż fir-residenzi, biex min hu interessat jibda jirċeviha, jabbona.

## 6.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

6.15.1 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni mibgħuta mill-Perit biex ikun jista' jsir *survey fi Triq il-Qarċilla* fejn ġej il-proġett tat-*traffic island.* Il-Kunsill unanimament approva.

6.15.2 Kwotazzjoni *Video-on-Demand*

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għas-servizz ta' *Video-on-Demand:*

- €250 (Vat eskluż) għat-twaqqif tas-sistema (darba biss) u
- €1,050 (Vat eskluż) fis-sena għas-servizz.

skont kif speċifikat f'Ċirkulari 19/2019 – Sistema ta' *Live-Streaming* mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Is-SE spjegat li skont l-Att dwar Gvern Lokali, iddaħħal l-obbligu li l-laqgħat tal-Kunsill mhux biss jiġu mxandra fuq l-*internet* iżda jkunu disponibbli *on demand*. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

6.15.3.1 *Smart Parking Management System*

Wara li l-Kunsill iltaqa' mal-kumpanija li qed toffri *smart parking management system,* qed jibgħatu l-proposta tagħhom għall-proġett pilota f'Ħal Balzan. Kopja tal-proposta ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

6.15.3.2 Din il-proposta ma ġietx approvata.

6.15.4.1 *Performance Report* tal-Ħaddiem taħt l-iskema CWSEF

Is-SE infurmat lill-Kunsill li wasal iż-żmien li nippreparaw il-*Performance Report* tal-ħaddiem taħt l-iskema CWSEF. Is-SE infurmat li skont il-ftehim li ġie ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni u l-CWSEF, il-*Performance Allowance* sa massimu ta' €450, irid jitħallas mill-Kunsill.

6.15.4.2 Il-Kunsill jinsab kuntent bix-xogħol li jagħmel dan il-ħaddiem u għalhekk kien hemm qbil li għandu jieħu l-ammont massimu tal-*performance allowance.* Il-Kunsill unanimament approva l-*Performance Report* li ġie ppreparat mis-SE.

6.15.5 *European Week for Waste Reduction*

Il-Kunsillier Stephen Gatt ser ikun qed jaħdem fuq attivita' li possibilment tista' tiġi organizzata f'dik il-ġimgħa.

6.15.6.1 Talba biex issir *sleeping policeman* doppja fi Triq it-Tliet Knejjes

Resident qed jitlob biex issir *sleeping policeman* doppja fi Triq it-Tliet Knejjes peress li vetturi qed jgħaddu b'veloċita' qawwija.

6.15.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel li biex din it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata, l-ewwel ir-resident irid iġib

kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

6.15.7.1 Talba biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Gabriel k/m Triq B. Bontadini

Resident qed jipproponi li tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Gabriel k/m Triq B. Bontadini skont kif indikat fil-pjanta mibgħuta minnu, biex jiġi pprojbit li l-vetturi jipparkjaw fil-kantuniera u fuq id-dyl.

6.15.7.2 Se jiġi ċċekjat mal-Perit tal-Kunsill jekk din il-proposta hiex possibbli li ssir u jekk possibbli, il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-bankina ssir bl-istess materjal u tiġi rranġata a spejjeż tar-resident, taħt is-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill.

6.15.8.1 *Road markings* fi Triq San Gabriel

Is-SE infurmat lill-Kunsill li minn *site inspection* li għamilna, ġie nnutat li jekk isiru l-*parking bays*, ser ikun hemm ostaklu tat-*traffic flow*, speċjalment b'vetturi kbar. U għalhekk, bi qbil mal-Kunsilliera, iż-2 *parking bays* ma sarux u sar *single yellow line* tul it-triq kollha.

6.15.8.2 Resident qed jinsisti li għandu jitneħħa anke s-*single yellow line* biex ikunu jistgħu jipparkjaw. Ir-resident qed jistaqsi għalxiex il-Kunsill m'użax l-istess prinċipju f'diversi toroq li huma wiesgħa daqs Triq San Gabriel (bħal Triq il-Qarċilla, Triq il-Kannizzata u Triq San Franġisk).

6.15.8.3 It-triq se tiġi spezzjonata mill-Perit tal-Kunsill u jekk jikkonferma lit-triq wiesgħa biżżejjed biex isir *parking* fuq iż-żewġ naħat, napplikaw ma' TM biex jitneħħa s-*syl* u jsiru l-*parking bays*.

6.15.9.1 *One-way System* fi Triq il-Mitħna u Triq Annibale Preca, Ħal Lija

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, il-proposta tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija biex Triq Annibale Preca u Triq il-Mitħna (minn k/m Triq id-Dielja) ssir *one-way* mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-6.30am u t-8.30am.

6.15.9.2 Il-Kunsill iddiskuta u ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta bil-kundizzjoni li jsir perjodu ta' prova u jsir *traffic count survey* għas-spejjeż tagħhom.

6.15.10.1 Suġġerimenti fuq Triq il-Ferrovija l-Qadima

Resident qed jissuġġerixxi li Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *one-way.* Ġie nnutat li l-Kunsill ressaq dan is-suġġeriment diversi drabi ma' TM u ma ġiex approvat.

6.15.10.2 L-istess resident qed jissuġġerixxi li jsiru *sleeping policemen* fis-*side streets* qabel ma toħroġ għal Triq il-Ferrovija l-Qadima. Il-Kunsill unanimament qabel li biex din it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata, l-ewwel ir-resident irid iġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

6.15.10.3 Ir-resident qed jilmenta peress li qed ikun hemm vetturi ta' kull tip ipparkjati illegalment fil-kantunieri u fuq il-bankina fi Triq il-Ferrovija l-Qadima. Ġie nnutat li din kwistjoni ta' infurzar u ser ngħaddu l-ilment lill-LESA u lill-Pulizija.

6.15.11.1 Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Balaguer u Triq Ġużè' Bonnici

Resident qed jitlob biex issir *sleeping policeman* fi Triq Balaguer u Triq Ġużè' Bonnici peress li vetturi qed jgħaddu b'veloċita' qawwija u huwa ta' periklu għal kull min juża t-triq speċjalment meta jkunu ħirġin mill-garaxxijiet.

6.15.11.2 Bħal ma ġie maqbul f'talbiet simili f'din il-laqgħa, biex din it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata, l-ewwel ir-resident irid iġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

6.15.12 Bankina quddiem 141 / 142 , Triq il-Kbira

Resident qed jitlob il-permess tal-Kunsill biex ibaxxi l-bankina ta' quddiem 141 / 142 peress li għamel garaxx (bil-permess ta' PA). It-talba biex tiġi rranġata l-bankina ġiet approvata bil-kundizzjoni li ssir bl-istess materjal li qiegħda preżentament (*paving blocks*) u lix-xogħol isir mir-resident a spejjeż tiegħu.

6.15.13.1 Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Idmejda

Resident qed jitlob biex issir *sleeping policeman* fi Triq Idmejda peress li vetturi qed jgħaddu b'veloċita' qawwija u huwa ta' periklu peress lit-triq dejqa.

6.15.13.2 Il-Kunsill unanimament qabel li biex din it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata, l-ewwel ir-resident irid iġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

6.15.14.1 Ilment fuq Triq B. Bontadini

Residenta qed titlob li ssir *sleeping policeman* fi Triq B. Bontadini minħadda vetturi li qed jgħaddu b'veloċita' qawwija. Kif intqal qabel, biex din it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata, l-ewwel ir-resident irid iġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

6.15.14.2 Ir-residenta qed titlob ukoll biex fl-istess triq jitħawwlu xi siġar biex jittaffa n-*noise pollution* ikkawżat mill-vetturi u mill-grawnd tal-futbol li hemm fil-viċin. Il-Kunsill irrimarka lir-residenti ta' dik it-triq lanqas il-*planters* ma riedu, aħseb u ara kemm se jaċċettaw li jitħawwlu siġar.

6.15.15 Ponsettias Campaign

Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-President dwar *Poinsettias Campaign* b'risq il-MCCF. Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw 100 poinsettia. Dawn ser jitqassmu lin-nies (waħda kull familja) li ser jattendu l-attivita' li ser jorganizza l-Kunsill (*Christmas Village*).

6.15.16.1 *No junk mail stickers*

Fuq talba ta' resident, qed jiġi ssuġġerit li l-Kunsill jingħataw '*No junk mail' stickers* bl-emblema tal-Kunsill, lir-residenti biex iwaħħluhom mal-*letter box.* Il-Viċi Sindku qal li għalkemm m'hemmx liġi fuqha, tal-inqas turi li l-Kunsill qed jirrikonoxxi li, l-*junk mail* idejjaq lil ċertu residenti u mhux *environmentally friendly*.

6.15.16.2 Il-Kunsill unanimament approva li jiġu stampati 2, 000 *sticker* biex jitqassmu f'kull residenza f'Ħal Balzan.

6.15.17.1 *Traffic Management* f'diversi toroq fl-akwati ta' Triq il-Qarċilla

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill proposta dwar *Traffic Management* f'diversi toroq fl-akwati ta' Triq il-Qarċilla mibgħuta minn resident. Din il-proposta tinkludi *site plan* bid-dettalji proposti.

6.15.17.2 Din il-proposta ser tiġi diskussa wara li ssir it-*traffic island* fi Triq il-Qarċilla.

6.15.18.1 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

Residenta qed tilmenta dwar l-istat tal-għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Is-SE infurmat li kemm il-darba ntbagħtu *emails* lis-Sanita' u l-*Joint Office*, kif ukoll lill-Pulizija ta' Birkirkara u se nerġgħu nibgħatu *reminder.*

6.15.18.2 Kif spjegat fil-Laqgħa tal-Lokalita', il-Kunsill kellu diversi laqgħat ma' diversi Ministri dwar din l-għalqa li hija tal-*Joint Office*. Il-Kunsill ilhu jitlob biex, sakemm din l-art tiġi żviluppata mill-Gvern, tingħata lill-Kunsill b'devoluzzjoni għal ammont ta' snin. Jekk l-art ma tiġix devoluta, il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn f'din l-għalqa.

6.15.19.1 *Parking* fuq il-bankina ta' fejn Skarpoli

Is-SE infurmat li wara li tneħħiet l-*MC Bay* u saret kaxxa safra quddiem iż-żewġ bibien, residenta minnhom baqgħet tilmenta li xorta qed jiġi ostakolat l-aċċess tar-residenza tagħha għax qed jipparkjaw wisq viċin il-bieb u meta twaħħal il-grada mhux ser tkun tista' tiftaħha. Għalhekk qed titlob jew li terġa' ssir l-*MC Bay,* jew isir *dyl* ftit itwal mill-fetħa tal-bieb (kif hemm quddiem ir-residenza fi Triq Valent Muscat).

6.15.19.2 Apparti minn hekk, ir-residenti ta' maġenbu qed jinsistu li jibqa' kollox kif inhu biex ma jintilifx *parking.*

6.15.19.3 Din il-kwistjoni ġiet diskussa u l-posizzjoni tal-Kunsill hi li r-*roadmarkings* qiegħdin tajbin għax hemm aċċess tajjeb għaż-żewġ residenzi u għalhekk għandu jibqa' kollox kif inhu, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor bejn ir-residenti ta' dawn iż-żewġ residenzi.

6.15.20.1 Ċirkulari AKL 2019/123 – Mużew tal-Gwerra u l-Kunsilli Lokali

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/123 – Mużew tal-Gwerra u l-Kunsilli Lokali mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed tintalab lista ta' siti storiċi jew monumenti/lapidi marbuta' mal-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjin.

6.15.20.2 Il-Viċi Sindku qal li għandna ninfurmawhom bix-xelters li hawn fil-qalba tar-raħal u li mhumiex aċċessibbli minħabba *issues* legali dwar l'hiema partijiet huma pubbliċi u l'hiema huma privati. Is-SE qalet li hawn ukoll, il-lapida bil-lista tal-Balzanin li mietu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

6.15.21.1 *Policy* dwar talbiet għal *sleeping policeman* ġdida

Ġie ssuġġerit li l-Kunsill għandu jagħmel *policy* dwar talbiet għal *sleeping policeman* ġdida. Biex it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-Kunsill, l-ewwel l-applikant irid iġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-

madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom. Jekk wieħed jassumi li fejn qed jiġi propost li ssir *sleeping policeman* hemm djar, l-applikant ikollu bżonn jikseb il-kunsens minn 6 residenzi. Dan għaliex *sleeping policeman* toħloq *noise pollution.*

6.15.21.2 Il-Kunsill unanimament approva din il-*policy*.

6.15.22 Talba biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira

Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li xi residenti qed jitolbu li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira quddiem Starlets. Is-SE infurmat li diġa' saret applikazzjoni ma' TM pero' ma ġietx approvata.

## 6.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.16.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/19 li tammonta għas-somma ta' €13,055.75c.

6.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 6.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

6.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

6.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |